

Brussell, 8 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9386/26

COPS 280
CFSP/PESC 708
CSDP/PSDC 302
CIVCOM 112
PSC DEC 23

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUPM Armenia) (EUPM Armenia/1/2026)

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ
(PESK) 2026/...**

ta' ...

**dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni tal-Missjoni
ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUPM Armenia)
(EUPM Armenia/1/2026)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/894 tal-21 ta' April 2026 dwar Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUPM Armenia)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

¹ ĠU L 2026/894, 22.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2026/894/oj>.

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2026/894, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-finijiet tal-eżerċitar tal-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUPM Armenia), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap ta' Missjoni fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli”).
- (2) Fl-20 ta' Mejju 2026, ir-Rappreżentant Għoli pproponiet il-ħatra tas-Sur Cosmin George DINESCU bħala l-Kap ta' Missjoni tal-EUPM Armenia mill-11 ta' Ġunju 2026 sal-31 ta' Mejju 2027.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tas-Sur Cosmin George DINESCU bħala Kap ta' Missjoni tal-EUPM Armenia mill-11 ta' Ġunju 2026 sal-31 ta' Mejju 2027,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Cosmin George DINESCU huwa maħtur Kap ta' Missjoni tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUPM Armenia) mill-11 ta' Ġunju 2026 sal-31 ta' Mejju 2027.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President*
